IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 22.10.2010
KUMM(2010) 592 finali

2010/0299 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jġib fit-tmiem ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kontra d-dumping u sussidji kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene(PET) li toriġina mill-Indja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Il-kuntest tal-proposta

- **Ir-raġunijiet għall-proposta u l-miri tagħha**

Din il-proposta tikkonċerna l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[1] ('ir-Regolament bażiku antidumping') u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea[2] ('ir-Regolament bażiku kontra s-sussidji') fil-proċedura li tikkonċerna l-importazzjonijiet ta' ċerta tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina mill-Indja.

- **Il-Kuntest ġenerali**

Din il-proposta qiegħda ssir fil-kuntest tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti bażiċi u hija r-riżultat ta' investigazzjoni li twettqet skont ir-rekwiżiti sostantitvi u proċedurali stabbiliti fir-Regolamenti bażiċi.

- **Dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-proposta**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007[3] li jimponi dazju definittiv ta' antidumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene(PET) li joriġinaw fl-Indja, wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku tal-antidumping, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 15/2009[4,] u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006[5] li żamm id-dazju kumpensatorju definittiv li kien impost mir-Regolament (KE) Nru 2597/1999[6] fuq importazzjonijiet ta' tertuqa PET li toriġina mill-Indja, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 579/2010[7].

- **Il-Konsistenza ma' politiki u miri oħrajn tal-Unjoni**

Mhux applikabbli.

---

1 ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
2 ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
3 ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.
4 ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1..
5 ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15.
6 ĠU L 316, 10.12.1999, p. 1.
7 ĠU L 168, 2.7.2010, p. 1

2. Konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-valutazzjoni tal-impatt

- **Konsultazzjoni mal-partijiet interessati**

Il-partijiet interessati kkonċernati mill-proċedura għandhom il-possibbiltà li jiddefendu l-interessi tagħhom matul l-investigazzjoni, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti bażi.

- **Il-ġbir u l-użu tal-kompetenzi**

Ma kien hemm ebda ħtieġa għal kompetenza esterna.

- **Il-Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija r-riżultat tal-implimentazzjoni tar-Regolamenti bażiċi.

Ir-Regolamenti bażiċi ma jipprevedux valutazzjoni tal-impatt ġenerali iżda fihom lista eżawrjenti ta' kondizzjonijiet li għandhom jiġu vvalutati.

3. L-elementi legali tal-proposta

- **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Fid-9 ta' Settembru 2009, il-Kummissjoni tat bidu għal investigazzjoni ta' reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping u s-sussidji kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina mill-Indja, li kienet limitata għall-eżami tal-ambitu tal-prodott.

L-applikant iddikjara li tip ta' prodott partikolari, "siliconized polyester release liner ('SPRL')" għandu jiġi eskluż mill-ambitu tal-miżuri attwali fuq il-bażi li dan it-tip ta' prodott għandu karatteristiċi, proċess ta' produzzjoni u użu finali differenti meta pparagunat ma' tipi oħrajn ta' tertuqa PET.

L-investigazzjoni wriet li minkejja ċerti differenzi, l-SPRL u tipi oħrajn ta' tertuqa PET jikkondividu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi. Għaldaqstant, huwa konkluż li r-reviżjoni parzjali interim ta' miżuri antidumping u sussidji kumpensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina mill-Indja għandha tintemm mingħajr ma jiġu emendati l-miżuri fis-seħħ.

Huwa għaldaqstant propost li l-Kunsill jadotta l-proposta annessa għal Regolament li jġib fit-tmiem ir-reviżjoni parzjali interim, li għandu jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sa mhux iżjed tard mit-8 ta' Diċembru 2010.

- **Il-Bażi legali**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li

mhumiex membri tal-Komunità Ewropea.

- **Il-prinċipju tas-sussidjarjetà**

Il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni. Il-prinċipju tas-sussidjarjetà għaldaqstant ma japplikax.

- **Il-prinċipju tal-proporzjonalità**

Il-proposta tikkonforma mal-prinċipju tal-proporzjonalità għar-raġuni li ġejja:

L-azzjoni hija deskritta fir-Regolamenti bażiċi msemmija fuq u ma tħalli ebda lok għal deċiżjoni nazzjonali. Indikazzjoni ta' kif il-piż finanzjarju u amministrattiv li jsibu fuqhom l-Unjoni, il-gvernijiet nazzjonali, l-awtoritajiet reġjonali u lokali, l-operaturi ekonomiċi u ċ-ċittadini huwa minimizzat u proporzjonali għall-mira tal-proposta mhijiex applikabbli.

- **L-għażla tal-istrumenti**

L-istrument propost: Regolament.

Mezzi oħrajn ma jkunux adegwati minħabba li r-Regolament bażiku ma jipprevedix għażliet alternattivi.

4. Implikazzjoni għall-baġit

Il-proposta ma għandha ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

2010/0299 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jġib fit-tmiem ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri kontra d-dumping u sussidji kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene(PET) li toriġina mill-Indja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[8] li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea[9] ('ir-Regolament bażiku kontra d-dumping'), u b'mod partikolari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 597/2009 tal-11 ta' Ġunju 2009 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea[10] li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2026/97 tas-6 ta' Ottubru 1997 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Komunità Ewropea[11] ('ir-Regolament bażiku kontra s-sussidji'), u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta ppreżentata mill-Kummissjoni Ewropea ('il-Kummissjoni') wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

1. IL-MIŻURI FIS-SEĦĦ

1.1. L-investigazzjonijiet preċedenti u l-miżuri kumpensatorji eżistenti

(1) F'Diċembru 1999, permezz tar-Regolament (KE) Nru 2597/1999[12], il-Kunsill impona dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) ('il-prodott ikkonċernat'), li toriġina fl-Indja. L-investigazzjoni li

[8] ĠU L 343, 22.12.2009, p. 51.
[9] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[10] ĠU L 188, 18.7.2009, p. 93.
[11] ĠU L 288, 21.10.1997, p. 1.
[12] ĠU L 316, 10.12.1999, p. 1.

wasslet għall-adozzjoni ta' dak ir-Regolament hija hawnhekk iżjed 'il quddiem magħrufa bħala 'l-investigazzjoni oriġinali kontra s-sussidji'. Il-miżuri ħadu l-forma ta' dazju kumpensatorju *ad valorem*, li jvarja bejn 3,8 % u 19,1 % impost fuq importazzjonijiet minn esportaturi individwali, b'rata ta' dazju residwa ta' 19,1 % imposta fuq importazzjonijiet mill-kumpaniji l-oħrajn kollha. Il-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali kien mill-1 ta' Ottubru 1997 sat-30 ta' Settembru 1998.

(2) F'Marzu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 367/2006[13], il-Kunsill, wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament bażi kontra s-sussidji, żamm id-dazju kumpensatorju definittiv impost mir-Regolament (KE) Nru 2597/1999 fuq importazzjonijiet ta' tertuqa PET li toriġina mill-Indja. Il-perjodu ta' reviżjoni investigat kien mill-1 ta' Ottubru 2003 sat-30 ta' Settembru 2004.

(3) F'Awwissu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1288/2006[14], il-Kunsill, wara reviżjoni parzjali interim li tikkonċerna s-sussidji lil produttur Indjan tat-tertuqa PET, Garware Polyester Limited ('Garware'), emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq Garware bir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(4) F'Settembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1124/2007[15], il-Kunsill, wara reviżjoni parzjali interim li tikkonċerna s-sussidji lil produttur Indjan ieħor tat-tertuqa PET, Jindal Poly Films Limited, qabel magħruf bħala Jindal Polyester Ltd. ('Jindal'), emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq Jindal bir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(5) F'Jannar 2009, permezz tar-Regolament (KE) Nru 15/2009[16], il-Kunsill, wara reviżjoni parzjali interim imnedija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha tas-sussidji lil ħames produtturi Indjani tat-tertuqa PET, emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq dawn il-kumpaniji bir-Regolament (KE) Nru 367/2006.

(6) F'Ġunju 2010, permezz tar-Regolament (UE) Nru 579/2010[17], il-Kunsill, wara reviżjoni parzjali interim li tikkonċerna s-sussidji lil Jindal, emenda d-dazju kumpensatorju definittiv impost fuq Jindal bir-Regolament (KE) Nru 367/2006, kif emendat mir-Regolament 1124/2007.

1.2. Investigazzjonijiet preċedenti u miżuri kontra d-dumping eżistenti

(7) F'Awwissu 2001, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1676/2001[18], il-Kunsill impona dazju definittiv kontra d-dumping fuq importazzjonijiet tat-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina, *inter alia*, fl-Indja. L-investigazzjoni li wasslet għall-adozzjoni ta' dak ir-Regolament minn hawn 'il quddiem hija magħrufa bħala 'l-investigazzjoni oriġinali kontra d-dumping'. Il-miżuri kienu jikkonsistu f'dazju *ad valorem* kontra d-dumping li jvarja bejn 0 % u 62,6 % impost fuq importazzjonijiet mingħand produtturi esportaturi individwali, b'rata ta' dazju residwa ta' 53,3 % fuq importazzjonijiet mingħand il-kumpaniji l-oħrajn kollha.

---

13 ĠU L 68, 8.3.2006, p. 15.
14 ĠU L 236, 31.8.2006, p. 1.
15 ĠU L 255, 29.9.2007, p. 1.
16 ĠU L 6, 10.1.2009, p. 1.
17 ĠU L 168, 2.7.2010, p. 1.
18 ĠU L 277, 23.8.2001, p. 1.

(8) F'Marzu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 366/2006[19], il-Kunsill emenda l-miżuri imposti mir-Regolament (KE) Nru 1676/2001. Id-dazju impost kontra d-dumping varja bejn 0 % u 18 %, wara li tqiesu r-riżultati tar-reviżjoni ta' skadenza tad-dazji kumpensatorji definittivi (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 imsemmi fil-premessa (2)).

(9) F'Awwissu 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1288/2006, wara reviżjoni interim li tikkonċerna s-sussidji lil produttur Indjan tat-tertuqa PET, Garware, il-Kunsill emenda d-dazju definittiv antidumping impost fuq Garware bir-Regolament (KE) Nru 1676/2001.

(10) F'Settembru 2006, permezz tar-Regolament (KE) Nru1424/2006[20], fuq talba ta' produttur ġdid li jesporta, il-Kunsill emenda r-Regolament (KE) Nru 1676/2001 fir-rigward ta' SRF Limited. Ir-Regolament emendat stabbilixxa marġini ta' dumping ta' 15,5 % u rata ta' dazju antidumping ta' 3,5 % għall-kumpanija kkonċernata wara li ġie meqjus il-marġini ta' sussidju fuq l-esportazzjoni tal-kumpanija kif ġie aċċertat fl-investigazzjoni kontra s-sussidji li wasslet għall-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 367/2006 imsemmi fuq. Ladarba l-kumpanija ma kellhiex dazju kumpensatorju individwali, kienet applikata r-rata stabbilita għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

(11) F'Novembru 2007, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1292/2007[21], il-Kunsill impona dazju definittiv antidumping fuq importazzjonijiet ta' tertuqa PET li toriġina mill-Indja wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażi antidumping. Bl-istess Regolament intemmet reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku antidumping, limitata għal produttur esportatur Indjan wieħed.

(12) F'Jannar 2009, permezz tar-Regolament (KE) Nru 15/2009, il-Kunsill, wara reviżjoni parzjali interim imnedija mill-Kummissjoni fuq l-inizjattiva tagħha fir-rigward tas-sussidji lil ħames produtturi Indjani tat-tertuqa PET, emenda d-dazju definittiv antidumping impost fuq dawn il-Kumpaniji bir-Regolament (KE) Nru 1292/2007.

2. IL-PROĊEDURA

2.1. Ir-raġunijiet għar-reviżjoni

(13) It-talba għal reviżjoni parzjali interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku kontra d-dumping u l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji kienet ippreżentata minn Polyplex Corporation Limited, produttur esportatur mill-Indja ('l-applikant'). It-talba kienet limitata għall-eżami tal-ambitu tal-prodott fejn tidħol il-kjarifika ta' jekk ċerti tipi ta' prodotti jaqgħu fl-ambitu tal-miżuri antidumping u tas-sussidji kumpensatorji applikabbli għal importazzjonijiet tat-tertuqa PET.

(14) L-applikant talab l-esklużjoni tal-prodott 'siliconized polyester release liner' ('SPRL') sa fejn dan jaqa' fi ħdan id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat, mill-ambitu tal-miżuri preżenti kontra d-dumping u tas-sussidji kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tat-tertuqa PET li toriġina mill-Indja. L-applikant ipprovda evidenza *prima facie* li l-

[19] ĠU L 68, 8.3.2006, p. 6.
[20] ĠU L 270, 29.9.2006, p. 1.
[21] ĠU L 288, 6.11.2007, p. 1.

karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-SPRL ivarjaw b'mod sinifikanti minn dawk tal-prodott ikkonċernat.

2.2. Il-bidu

(15) Wara li ġie ddeterminat, wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv, li kienet teżisti biżżejjed evidenza biex jiġi ġġustifikat il-bidu ta' reviżjoni parzjali interim, il-Kummissjoni ħabbret, permezz ta' avviż ippubblikat fid-9 ta' Settembru 2009 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*[22] ('l-Avviż ta' Tnedija') il-bidu tar-reviżjoni parzjali interim skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku antidumping u l-Artikolu 19 tar-Regolament bażiku kontra s-sussidji, limitata għall-eżami tal-ambitu tal-prodott. B'mod partikolari r-reviżjoni kellha tiddetermina jekk il-prodott 'siliconized polyester release liner' huwiex parti mill-prodott ikkonċernat kif definit fl-investigazzjoni oriġinali, jew le.

2.3. Investigazzjoni tar-reviżjoni

(16) Il-Kummissjoni infurmat uffiċjalment lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Indja ('il-pajjiż ikkonċernat') u lill-partijiet kollha l-oħra magħrufa li kienu kkonċernati, jiġifieri produtturi esportaturi magħrufa fil-pajjiż ikkonċernat, utenti u importaturi fl-Unjoni u produtturi fl-Unjoni, bil-bidu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni parzjali interim. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jgħarrfu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smigħ fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Avviż ta' Tnedija.

(17) Il-partijiet kollha interessati, li talbu u wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(18) Il-Kummissjoni bagħtet il-kwestjonarji lill-partijiet kollha magħrufa li kienu kkonċernati, u lill-partijiet l-oħrajn kollha li ppreżentaw ruħhom fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Avviż ta' Tnedija.

(19) It-tweġibiet għall-kwestjonnarju ntbagħtu mill-applikant, minn żewġ produtturi esportaturi Indjani oħrajn, minn erba' produtturi tal-Unjoni u minn żewġ importaturi tal-Unjoni.

(20) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa għall-iskop tal-valutazzjoni dwar jekk kienx hemm ħtieġa għall-emenda tal-ambitu tal-miżuri eżistenti antidumping u tas-sussidji kumpensatorji u wettqet żjarat ta' verifika fuq il-post fil-kumpaniji li ġejjin:

- Garware Polyester Limited, Mumbai, l-Indja,
- Mitsubishi Polyester Film, Wiesbaden, il-Ġermanja,
- Polyplex Corporation Limited, Noida, l-Indja.

(21) L-investigazzjoni kopriet il-perjodu mill-1 ta' April 2008 sal-31 ta' Marzu 2009 ('perjodu ta' investigazzjoni tar-reviżjoni' jew 'PIR').

---

[22] ĠU C 215, 9.9.2009, p. 19.

3. IL-PRODOTT IKKONĊERNAT

(22) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess prodott bħal dak definit mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 367/2006 u mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1292/2007, jiġifieri t-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) li toriġina mill-Indja, li fil-preżent taqa' fi ħdan il-kodiċijiet NM ex 3920 62 19 u ex 3920 62 90.

4. IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI TAR-REVIŻJONI

4.1. L-Isfond

(23) It-tertuqa tat-tereftalat tal-polietilene (PET) hija tertuqa mhux awto-adeżiva tat-tereftalat tal-polietilene. It-tertuqa PET dejjem hija prodotta mill-polimeru PET u tikkonsisti f'tertuqa bażi li tista' tkun soġġetta għal trattament ulterjuri matul jew wara l-proċess ta' produzzjoni. Dan it-trattament tat-tertuqa bażi jista' jinkludi tipikament trattament korona, il-metallizzazzjoni jew il-kisi b'sustanzi kimiċi.

(24) It-tertuqa PET għandha karatteristiċi speċifiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi li jiddistingwuha minn trietaq oħrajn. Xi wħud minn dawn il-karatteristiċi tat-tertuqa PET huma eż. is-saħħa tensili għolja tagħha, il-proprjetajiet elettriċi tajbin ħafna, l-assorbiment baxx tal-umditá u r-reżistenza għall-umditá, ċans baxx li tinxtorob u proprjetajiet tajbin ta' protezzjoni. Għaldaqstant, filwaqt li dawn il-karatteristiċi speċifiċi jiddeterminaw tipi varji ta' tertuqa PET, dawn it-tipi jżommu l-istess karatteristiċi bażiċi, fiżiċi, tekniċi u kimiċi tat-tertuqa PET bażika. It-tertuqa PET għandha ħames użijiet finali wiesgħin li jaqgħu fi ħdan ħames segmenti tas-suq, jiġifieri, il-medja manjetika, l-imballaġġ, applikazzjonijiet ta' elettriku, immaġni u industrijali.

4.2. Il-metodoloġija

(25) Sabiex jiġi stmat jekk l-SPRL u tipi oħrajn ta' tertuqa PET għandhomx jiġu kkunsidrati bħala prodott wieħed jew żewġ prodotti differenti, ġie eżaminat jekk l-SPRL u tipi oħrajn ta' tertuqa PET kinux jikkondividu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi u kimiċi. Barra minn hekk, kienu eżaminati wkoll il-proċess tal-produzzjoni, differenzi fl-użijiet finali u l-interkambjalitá kif ukoll id-differenzi fi spejjeż u prezzijiet.

4.3. L-argumenti prinċipali tal-partijiet

(26) L-applikant iddikjara li l-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-SPRL ivarjaw minn dawk tal-prodott ikkonċernat. B'mod partikolari, il-qawwa relattivament baxxa ta' rilaxx tal-SPRL u t-tensjoni superfiċjali baxxa tiegħu jagħmlu t-tertuqa tiżloq u b'konsegwenza s-superfiċi tagħha ssir inattiva għal-linki, għall-kisi, għall-adeżivi u għall-metallizzazzjoni. Skont l-applikant, minħabba l-migrazzjoni ta' silikon mhux vulkanizzat fl-SPRL, anke n-naħa inversa tal-SPRL b'naħa waħda miksija turi differenzi sostanzjali fil-proprjetajiet fiżiċi u tekniċi meta pparagunat ma' tipi ta' tertuqa PET oħrajn. Dawn il-fatturi allegatament jimpedixxu l-użu tal-SPRL f'segmenti bażiċi tal-industrija tat-tertuqa PET identifikati fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri, l-imballaġġ, il-medja manjetika, applikazzjonijiet tal-elettriku, tal-immaġni u industrijali. Min-naħa l-oħra, is-superfiċi funzjonalment attiva ta' tipi oħrajn ta' tertuqa PET tagħmilha impossibbli li jintużaw bħala release liners, minħabba li jeħlu b'mod li ma jkunux jistgħu jerġgħu jinqalaw ma' superfiċi adeżivi. B'konsegwenza, l-

applikant argumenta li l-SPRL mhuwiex interkambjabbli fl-applikazzjonijiet tiegħu ma' kwalunkwe tip ieħor ta' tertuqa PET.

(27) L-industrija tal-Unjoni iddikjarat li l-argumenti tal-applikant kienu jistrieħu fuq żewġ settijiet suċċessivi ta' paraguni artifiċjalment limitati. L-ewwel, l-applikant ipparaguna l-SPRL ma' sett limitat ta' trietaq PET, jiġifieri ma' tertuqa bażika PET, u mhux ma' tipi oħrajn ta' tertuqa Pet miksija li huma iktar paragunabbli mal-SPRL. It-tieni, dan il-paragun allegatament limitat twettaq biss fir-rigward ta' sett selettiv u limitat ħafna ta' proprjetajiet fiżiċi u kimiċi. L-industrija tal-Unjoni iddikjarat li meta tipparaguna l-SPRL ma' firxa wiesgħa ta' tipi oħrajn ta' tertuqa PET, u għal numru rappreżentattiv ta' proprjetajiet kimiċi u fiżiċi, huwa ċar li l-SPRL huwa l-istess prodott bħal tipi oħrajn ta' tertuqa PET u għandu jibqa' fl-ambitu tal-miżuri antidumping u kumpensatorji. Skont l-industrija tal-Unjoni, l-SPRL huwa effettivament tertuqa PET miksi sussegwentement b'saff tas-silikon. Mhuwiex differenti fil-kunċett minn tipi oħra ta' tertuqa miksija, bħal tertuqa metallizzata jew tertuqa b'kisja anti-statika jew tertuqa b'kisja ta' protezzjoni, u infatti huwa b'mod ċar prodott ikkonċernat. B'sostenn għad-dikjarazzjonijiet tagħha, l-industrija tal-Unjoni pprovdiet paragun ta' għadd ta' proprjetajiet fiżiċi u kimiċi differenti mifruxin fuq għadd ta' tipi ta' tertuqa PET differenti.

4.4. Ir-Riżultati

4.4.1. Karatteristiċi fiżiċi u kimiċi

(28) L-investigazzjoni uriet li ż-żewġ karatteristiċi msemmija fil-premessa (27) ta' hawn fuq, jiġifieri l-qawwa ta' rilaxx relattivament baxxa tal-SPRL u t-tensjoni superfiċjali baxxa tiegħu, huma fatturi addizzjonali meta pparagunat mal-karatteristiċi baċiżi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tat-tertuqa PET kif iddefinit fl-investigazzjoni oriġinali antidumping[23] u msemmija fil-premessa (24) ta' hawn fuq. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi huma l-istess għall-SPRL bħal ma huma għal kwalunkwe tipi oħrajn ta' tertuqa PET.

(29) Fir-rigward taż-żewġ karatteristiċi speċifiċi għall-SPRL, jiġifieri l-qawwa ta' rilaxx baxxa u t-tensjoni superfiċjali baxxa, instab li dawn mhumiex il-karatteristiċi tat-tertuqa PET per se iżda iktar karatteristiċi tas-superfiċi silikonizzat tagħha jew effettivament il-karatteristiċi tas-silikon. Il-kisi bis-silikon, kif ukoll il-kisi bi kwalunkwe sustanza oħra, ibiddel xi fatturi tas-superfiċi tat-tertuqa iżda ma jbiddilx il-karatteristika bażika fiżika, teknika u kimika tat-tertuqa PET infisha, li taħt is-saff tal-kisi tibqa' l-istess.

(30) Filwaqt li huwa veru li meta t-tertuqa PET tiġi miksija bis-silikon dan jirriżulta f'qawwa ta' rilaxx baxxa tas-superfiċi u wkoll f'tensjoni superfiċjali baxxa, jista' jsir argument simili għal tipi oħrajn ta' kisi, jiġifieri meta miksija b'tipi oħrajn ta' kisi is-superfiċi tat-tertuqa PET takkwista karatteristiċi speċjali oħrajn. F'xi każijiet il-kisi jista' jirriżulta f'karatteristiċi li jagħmlu t-tertuqa PET adattata biss għal applikazzjonijiet speċifiċi ħafna. Il-kisi bis-silikon b'ebda mod ma huwa uniku f'dan ir-rigward. Prodotti speċjali oħrajn b'tipi oħra ta' kisi jinkludu per eżempju trietaq li jistgħu jingħalqu, trietaq b'kisi kontra ċ-ċpar, trietaq li jitqaxxru/jagħlqu u trietaq miksija b'kopoliester. Dawn it-tipi kollha, madankollu, jikkondividu l-istess

[23] Il-premessa (10) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 367/2001, ĠU L 55, 24.2.2001, p. 16.

karatteristiċi bażiċi, fiżiċi, tekniċi u kimiċi u huma parti mill-prodott ikkonċernat kif iddefinit fl-investigazzjoni oriġinali.

(31) Fuq din il-bażi, huwa kkunsidrat li ma hemm ebda differenzi sinifikanti f'termini ta' karatteristiċi bażiċi, fiżiċi, tekniċi u kimiċi bejn l-SPRL u tipi oħrajn ta' tertuqa PET li jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-SPRL mill-ambitu tal-prodott.

4.4.2. Paragun ta' kriterji oħrajn

(32) Għar-raġuni ta' kompletezza, dikjarazzjonijiet oħrajn imressqa mill-applikant fit-talba ta' reviżjoni tiegħu li wrew allegatament li t-tertuqa SPRL u PET huma prodotti differenti, ġew eżaminati wkoll.

4.4.2.1. Il-proċess tal-produzzjoni

(33) L-applikant iddikjaara li l-SPRL jeħtieġ faċilitajiet separati ta' manifattura meta pparagunat ma' tipi oħrajn ta' tertuqa PET prodotti.

(34) Kif imsemmi fil-premessa (23) ta' hawn fuq, it-tertuqa PET hija dejjem prodotta minn polimeru PET u tikkonsisti f'tertuqa bażika li tista' tkun soġġetta għal trattament ulterjuri jew matul jew wara l-proċess tal-produzzjoni. Dan it-trattament tat-tertuqa bażika jista' jinkludi tipikament trattament korona, il-metalizzazzjoni jew il-kisi b'sustanzi kimiċi.

(35) L-SPRL huwa tertuqa PET miksija b'saff tas-silikon. L-investigazzjoni wriet li hemm żewġ teknoloġiji differenti ta' manifattura tal-SPRL. Il-produttur tal-Unjoni investigat qiegħed juża t-teknoloġija ta' kisi fil-linja waqt il-manifattura. F'din it-teknoloġija it-tertuqa bażika PET tiġi miksija matul il-proċess tal-produzzjoni qabel ma tinġibed. Il-modjul tal-kisi huwa biss parti addizzjonali, li tista' titneħħa, tal-linja tal-produzzjoni. B'kuntrast, il-produtturi Indjani investigati jużaw it-teknoloġija tal-kisi barra mil-linja. F'dan il-proċess it-tertuqa PET l-ewwel tiġi prodotta, u wara tiġi miksija f'linja tal-produzzjoni separata.

(36) Instab li l-għażla tat-teknoloġija tal-kisi fil-linja jew barra mil-linja hija waħda purament ekonomika, bl-ispiża tal-investiment f'modjuls mobbli għall-kisi fil-linja li jiswew bejn wieħed u ieħor 10 darbiet iktar mill-investiment f'linja ta' kisi barra mil-linja. Il-vantaġġ ta' kisi fil-linja huwa veloċità ogħla fil-linja li tippermetti volumi sinifikanti ta' produzzjoni. Il-kisi fil-linja jwassal ukoll għal tfaddil fuq kull unità fir-rigward tal-ispejjeż tas-silikon minħabba li s-saff tas-superfiċi tas-silikon huwa irqaq milli fil-każ ta' kisi barra mil-linja.

(37) Għandu jiġi nnutat li l-eżistenza ta' żewġ metodoloġiji ta' kisi differenti ma tbiddilx il-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-SPRL, li jibqgħu l-istess meta pparagunat ma' dawk ta' tipi oħrajn ta' tertuqa PET. Infatti proċessi ta' produzzjoni differenti mhumiex *per se* rilevanti biex jiddeterminaw jekk tip ta' prodott huwiex prodott distint sakemm it-tipi ta' prodotti miksubin minn dawn il-proċessi huma l-istess f'termini tal-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi.

4.4.2.2. Differenzi fl-użijiet finali u fl-interkambjabbiltà

(38) L-applikant iddikjara wkoll li ma hemm ebda interkambjabbiltà fl-applikazzjonijiet bejn l-SPRL u tipi oħra ta' tertuqa PET. Din id-dikjarazzjoni kienet ikkonfermata mill-

investigazzjoni. Madankollu, kif ġie konkluż fl-investigazzjoni oriġinali, dan huwa veru wkoll għal tipi oħra ta' tertuqa PET bi trattament speċjali.

(39) L-investigazzjoni kkonfermat li l-iskop tal-kisi, jew ta' kwalunkwe trattament speċjali ieħor ta' tertuqa PET, huwa li jkun magħmul adattat għal ċerti applikazzjonijiet speċifiċi. Is-sustanza magħżula bħala s-saff tal-kisi f'kull każ għandha ċerti karatteristiċi li jservu l-iskop rilevanti. Is-silikon per eżempju jagħti qawwa ta' rilaxx baxxa. Is-sustanza tal-kisi jista' jkollha fatturi speċjali oħrajn (fil-każ ta' silikon hija tensjoni superfiċjali baxxa) li jagħmilha impossibbli li tuża l-prodott miksi għal applikazzjonijiet oħrajn. Hemm għadd ta' tipi oħrajn ta' tertuqa PET, miksija b'sustanzi oħra jew trattati xort'oħra, li għar-raġunijeit ta' hawn fuq għandhom applikazzjonijiet speċifiċi u limitati.

(40) Għaldaqstant, filwaqt li l-SPRL jintuża speċifikament għal ċerti applikazzjonijiet, il-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tiegħu huma l-istess bħal dawk ta' tipi oħra ta' tertuqa PET. B'konsegwenza, l-interkambjabbiltà u l-użu finali mhumiex rilevanti biex jiddeterminaw jekk l-SPRL jikkostitwix prodott differenti.

4.4.2.3. Differenzi fi spejjeż u prezzijiet

(41) Fl-aħħar, l-applikant iddikjara li l-proċess ta' silikonizzazzjoni tat-tertuqa PET bażika jinvolvi spejjeż addizzjonali.

(42) Infatti nstab li l-ispiża addizzjonali tal-kisi bis-silikon tista' tammonta għal sa 10% tal-ispejjeż tal-manifattura, skont l-għażla tal-metodoloġija tal-kisi. Kif deskritt fil-premessi (35) u (36) l-applikant għażel metodoloġija iżjed għalja f'termini ta' spejjeż tas-silikon għal kull unità. Għandu jiġi enfasizzat, madankollu, li din hija spiża addizzjonali meta pparagunata mal-ispiża tal-produzzjoni tat-tertuqa bażika PET. Il-kisi tat-tertuqa bażika PET b'sustanzi oħrajn, kif ukoll il-proċess ta' metallizzazzjoni, iżid ukoll l-ispejjeż tal-manifattura u b'hekk il-prezzijiet.

(43) F'dan ir-rigward, madankollu, huwa kkunsidrat li l-ispiża addizzjonali ta' kisi bis-silikon ma tikkostitwix fiha nfisha kriterju deċiżiv fid-determinazzjoni ta' jekk l-SPRL jiffurmax prodott distint. Infatti differenzi fl-ispejjeż u fil-prezzijiet ma jiġġustifikawx *per se* l-konklużjoni li ċertu tip ta' prodott għandu jiġi kkunsidrat bħala prodott differenti sakemm dan it-tip ikollu l-istess karatteristiċi bażiċi fiżiċi, tekniċi u kimiċi tal-prodott ikkonċernat.

5. KONKLUŻJONIJIET DWAR L-AMBITU TAL-PRODOTT

(44) Ir-riżultati tal-investigazzjoni ikkonfermaw li l-proċess ta' silikonizzazzjoni tat-tertuqa PET jirriżulta f'superfiċi differenti tal-prodott finali meta pparagunat mat-tertuqa bażika PET. Madankollu, dan il-proċess ma jbiddilx il-karatteristiċi bażiċi fiżiċi, kimiċi u tekniċi tal-prodott. Infatti, l-investigazzjoni kkonfermat li hemm għadd ta' tipi ta' tertuqa PET fis-suq li huma ttrattati b'mod speċjali li jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Barra minn hekk, il-kriterji l-oħra analizzati, jiġifieri l-proċess tal-produzzjoni, l-interkambjabbiltà/l-użu finali u differenzi fi spejjeż u prezzijiet, ma biddlux din il-konklużjoni.

(45) Il-partijiet kollha interessati tgħarrfu mil-fatti u l-konsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom intlaħħqu l-konklużjonijiet ta' hawn fuq. Il-partijiet ingħataw perjodu

biex fih setgħu jagħmlu rappreżentazzjonijiet sussegwenti għal din l-informazzjoni żvelata.

(46) Il-kummenti orali u miktubin ippreżentati mill-partijiet ġew ikkunsidrati kif dovut, iżda dan ma biddilx il-konklużjoni li ma jiġix emendat l-ambitu tal-prodott tal-miżuri fis-seħħ antidumping u tas-sussidji kumpensatorji fuq importazzjonijiet ta' tertuqa PET,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-reviżjoni interim parzjali tal-miżuri antidumping u tas-sussidji kumpensatorji applikabbli għall-importazzjonijiet ta' ċertu tertuqa PET li toriġina mill-Indja hija hawnhekk mitmuma mingħajr l-emenda tal-miżuri antidumping u kumpensatorji fis-seħħ.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President